huwa joħroġ. Meta jkun ħareġ l-Ilsien Malti, warajh forsi jiġu ħwejjeġ oħra. Aħna nafu li f'din il-ħaġa nsibu gwerra l-aktar ħarxa minn dawk li jobogħdu l-malti; iżda din il-gwerra aħna noħorġu rebbiħin żgur, bil-għajnuna tas-sema. Aħna mħejjijn għaliha; mela ħalli tiġi.

''Jekk jinsab Kumitat tassew Nazzjonali fostna, l-ewwel ħaġa li għandu jagħmel dan il-Kumitat hija li jdawwal il-menti tal-poplu kollu, irġiel u nisa, u dan ma jistax jagħmlu ħlief bit-tixrid ta' kotba maltin, kotba li jistħoqqilhom l-isem ta' kotba. Jekk il-Kumitat Nazzjonali minn dan kollu ma jagħmel xejn, ngħidu aħna li ftit jistħoqqlu l-isem ta' Nazzjonali. Ix-xogħol tal-Kumitat Nazzjonali għandu jkun li fil-qalb tal-Maltin kollha jnibbet xewqa kbira biex ġurnata nkunu nazzjon, u mhux ilestihom biex malli jeħles mill-gvern tas-slavaġ jaqgħu taħt gvern ieħor.

''Fit-tiswir ta' ħsieb it-twaqqif ta' XIRKA ġdida nsibu:— 'Ix-Xirka taħseb biex ixxerred id-dawl f'Malta u f'Għawdex u kull fejn jinsabu l-Maltin, u dan tagħmlu bit-tixrid ta' għadd kbir ta' kotba bil-malti, kotba ta' kull għerf u mill-aħjar, u bi prezzijiet irħas biex jilħaqhom kulħadd. Ix-Xirka tnissel fil-membri tagħha mħabba kbira lejn Malta u l-bandiera ta' Malta u bil-kelmiet, miktuba, ALLA u DIN. Ix-Xirka tagħmel kemm tiflaħ biex iżżomm ħaj u xxerred is-sabiħ ilsien malti, ilsien li kien, għadu u jibqa' tagħna. Għal din il-ħaġa tfittex li twaqqaf akkademja maltija sewwa, li tmexxi hija l-kitba maltija, fuq il-mudell ta' l-akkademja franċiża f'Malta, u frieghi minnha barra minn Malta, fejn tfittex li twaqqaf ġurnali maltin miktubin b'malti tajjeb.''

**Dawn kienu ftit mill-fehmiet ta' Manwel Dimech dwar ilsienna u pajjiżna u jidhirli li huwa ta' min jixħet iżjed dawl fuq il-ħidma tiegħu fil-qasam ta' Isienna. Dawn is-siltiet huma meħudin mill-gazzetta tiegħu "Il-Bandiera tal-Maltin" Nri. 219, 220, 223 tal-15 u 22 ta' Marzu u tat-12 ta' April, 1902.**

——— o ———

## TIFKIRA GĦAŻIŻA

Dan l-aħħar Patri Valentin Barbara, O.P. wasslilna rigal għażiż għalina ta' l-Akkaademja: kwadru b'waħda mill-aħħar poeżiji awtografi tal-poeta Rosar Briffa, wieħed mill-Membri Akkademiċi antiki.

Ir-rigal kien mogħti mis-sinjura Louisette Briffa, armla tal-poeta, bħala tifkira ta' żewġha, u aħna filwaqt li nirringrazzjawha bil-qalb inwiegħduha li r-rigal tagħha nżommuh b'għożża mat-tifkiriet li għandna ta' Dun Karm, il-poeta nazzjonali u Membri Akkademiċi oħrajn.



# REĊENSJONIJIET

**Francis Ebejer: 3 drammi: Il-Ħadd Fuq Il-Belt. L-Imnarja Żmien Il-Qtil. L-Imwarrbin. Edizzjoni Klabb Kotba Maltin, 1973. (Sensiela Ktieb tax-Xahar, nru. 24)**

DAN HUWA t-tielet volum ta' xogħlijiet drammatiċi ta' Ebejer u t-tieni wieħed ta' xogħlijiet għall-palk. Fit-tieni volum Ebejer ġabar l-ewwel xogħol tiegħu fi tliet atti, **Vaganzi tas-Sajf,** u t-tnejn li ġew warajh, **Boulevard** u **Menz. Vaganzi tas-Sajf,** dramm ta' importanza kbira għax fih ħafna elementi li Ebejer żviluppa fid-drammi ta' wara, huwa xogħol imwieżen bejn realiżmu u d-dinja irreali ta' thewdin il-moħħ, b'enfasi fuq tat-tieni. **F'Boulevard** Ebejer warrab minnu għal kollox ir-realiżmu u wriena karattri mistiċi mpoġġijin f'ambjent surrealistiku. Is-simboliżmu li kien deher ħafna f'**Vaganzi** issa sar il-qofol ta' kollox. Żvilupp aktar importanti f'dan id-dramm hu li d-diskorsi twal ħafna ta' **Vaganzi** għebu, u flokhom daħlu djalogi stilizzati u — dak li hu aktar importanti — ħafna azzjoni, dik l-azzjoni, li fl-ewwel dramm spiss għoddha ntradmet taħt it-toqol kbir tal-ħafna kliem.

**Boulevard** kien l-ewwel quċċata artistika fil-ħidma ta' Ebejer għall-palk Malti, iżda lill-pubbliku ħawditu, u għalhekk f'**Menz** Ebejer għażel suġġett li seta' jittrattah bi stil differenti minn dak ta' **Boulevard** — il-pressjoni li s-soċjeta' tagħmel fuq l-individwu biex dan jikkonforma. Iżda l-Ebejer tas-Simboli kbar u teatralment spikkati deher sewwa hawn ukoll f'Tal-Lukanda u fil-Bejjiegħ tal-pasti, u l-karattri illimati ta' **Boulevard** għandhom suċċessuri f'karattri bħal Razz u Ġorġ. F'**Menz** naraw żvilupp ukoll ta' l-elementi spettakolari li nsibu **f'Boulevard,** u dana l-aktar fit-tieni att, fix-xena ta' Ludilla B li tilħaq il-quċċata tagħha fil-kastrazzjoni fiżika u simbolika (li ma tidherx fid-didaskaliji tad-dramm ippubblikat iżda ġiet inkluża fil-produzzjoni tad-dramm minn Ebejer innifsu) ta' Ġorġ.

**L-Imwarrbin,** wieħed mid-drammi fil-volum il-ġdid, jista' joqgħod ma' **Menz** fl-iżvilupp teatrali ta' Ebejer, għax bħalu għandu ġrajja li tista' tiftiehem ukoll fuq il-livell fil-wiċċ ta' realiżmu u fl-istess ħin jipprova joħroġ 'il barra mill-egħluq artistiku ta' dan l-istil. Iżda **L-Imwarrbin** (li Ebejer kitbu l-ewwel bl-Ingliż taħt l-isem **The Cliffhangers)** jurina lill-awtur ħiereġ sewwa minn din il-fażi, għax għalkemm għad hemm karattri xi ftit skematiċi — bħal Walter, Manwel u Mark — jikseb effetti xeniċi spettakolari permezz ta' karattri li rridu naċċettawhom bħala veri (iżda mhux realistiċi), f'**L-Imwarrbin** insibu l-**climax** xeniku fid-''dramm ġewwa d-dramm,'' jew inkella ''divertiment'' kif isejjaħlu l-awtur, tat-tieni att. U filwaqt li x-xena ta' Ludilla B tintemm bit-traġedja vera ta' Ġorġ, ix-xena ta' **L-Imwarrbin,** għalkemm għandha purtiera melodrammatika li ġġegħlek taħseb li Jean mietet maqtula, fil-fatt tintemm bla ma jkun weġġa' ħadd fiżikament, iżda mhux moralment.

**L-Imwarrbin,** bejn li hu dramm ta' tranżizzjoni bejn stil għal ieħor, u